9 ta' Diċembru, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Mary Said

**Att tal-Akkuża — Nullità — Korruzzjoni ta' Minorenni.**

*Ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jista' jiġi kommess mhux biss "fuq" il-persuna tal-minuri, imma anki b'attijiet kommessi "fil-preżenza tiegħu".*

*Għaldaqstant, jekk fl-att ta' l-akkuża jiġi attribwit lill-imputat li hu kkommetta diversi attijiet impudiċi fil-preżenza tal-minorenni, u fuq hekk jiġi lilu attribwit ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, ma jistax jingħad illi l-att ta' l-akkuża huwa null għax il-fatti dedotti fih ma jikkostitwux ir-reat dedott fl-istess att.*

*Il-fatti, li talvolta eventwalment jirriżultaw fil-proċess plenarju quddiem il-ġuri, jistgħu jżidu jew inaqqsu, għar-rigward tal-fatti kif dedotti; jistgħu jkunu konformi għall-fatti dedotti, jew xort'oħra; imma dik tkun materja ta' apprezzament tal-ġurija, u jibqa' dejjem id-dritt tad-difiża li tissottometti lill-ġuri, fuq il-fatti kif riżultati, kull apprezzament divers li jkun jidhrilha xieraq li għandu jingħata lill-fatti kif riżultati, sabiex minn dana l-apprezzament targumenta li l-fatti kif riżultati għandhom jaqgħu taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi diversa minn dik imsemmija fl-att ta' l-akkuża; imma "rebus sic stantibus" ma jistax jingħad li l-fatti elenkati fl-att ta' l-akkuża ma jistgħux jammontaw għad-delitt fiha dedott.*

Il-Qorti; — Rat id-digriet mogħti minnha, komposta minn Imħallef wieħed, fis-6 ta' Diċembru, 1955, li biħ ġiet deferita d-deċiżjoni minn din l-istess Qorti, kolleġjalment kostitwita, ta' l-eċċezzjoni ta' l-akkużata li l-att ta' l-akkuża, kwantu għall-ewwel u t-tieni kap, hu null, għaliex il-fatti li hemm f'dawk il-kapijiet ma jikkostitwux ir-reat fihom dedott; liema eċċezzjoni ġiet kontrastata mill-Prosekuzzjoni;

Trattata l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi hu ormaj paċifiku li r-reat ta' korruzzjoni jista' jiġi kommess mhix biss "fuq" il-persuna tal-minorenni, imma anki b'attijiet kommessi "fil-preżenza tiegħu" (ara, fost awturi oħra, il-Maino, Vol. III, comm. art. 335, para. 1474, u d-deċiżjonijiet minnu ċitati in nota). Fl-att ta' l-akkuża hemm imsemmijin diversi attijiet impudiċi, li ġie allegat li ġew kommessi fil-preżenza tal-minorenni, u hemm ukoll imsemmijin kliem immorali li hu allegat li semgħu. U opportunament il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, f'sentenza tagħha tas-17 ta' Diċembru, 1928 in re Varecchia, osservat illi: ".........il turbato pudore può essere conseguenza di atti che colpiscono uno o più sensi; tra questi vi è la vista, vi è l'udito .........";

Qal ukoll l-Arabia, Principi di Dto. Penale, p. 342: "E' a notare peraltro, che la legge non esige che l'atto di libidine sia direttamente esercitato verso la persona corrotta. Perciò entrerebbe, a nostro giudizio, nella sanzione dell'articolo il caso, pur troppo frequente, di genitore che innanzi alle loro figlie, o facendole dormire nello stesso letto, le rendesse testimoni di concubiti illeciti o di altre turpitudini la cui vista sveglia il demone della concupiscenza";

Illi għalhekk ma jistax, bl-ebda mod, jingħad "sic et simpliciter", li l-fattijiet li hemm fil-kapi fuq imsemmijin ta' l-att ta' l-akkuża ma jistgħux jikkostitwixxu r-reat fihom dedott;

Il-fatti, li talvolta eventwalment jirriżultaw fil-proċess plenarju quddiem il-ġuri, jistgħu jżidu, jew inaqqsu, għarrigward tal-fatti kif dedotti; jistgħu jkunu konformi għall-fatti dedotti, jew xort'oħra; dik tkun materja ta' apprezzament tal-ġurija, u jibqa' dejjem id-dritt tad-difiża li tissottometti lill-ġuri, fuq il-fatti kif riżultati, kull apprezzament divers li jkun jidhrilha xieraq li għandu jingħata lill-fatti hekk riżultati, sabiex minn dan l-apprezzament targomenta li l-fatti kif riżultati għandhom jaqgħu taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi diversa minn dik imsemmija fl-att ta' l-akkuża; iżda "rebus sic stantibus" ma jistax jingħad li l-

fatti elenkati fl-att ta' l-akkuża, fil-kapi attakkati, ma jistgħux jammontaw għad-delitt fihom dedott;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-eċċezzjoni tad-difiża, u tordna li l-proċess jiġi rimess lil dina l-Qorti komposta minn Imħallef wieħed għall-prosegwiment tat-trattazzjoni.